



Il-Kummissjoni  
Ewropea

# ERA ġdida għall-protezzjoni tad-dejta fl-UE

*X'bidliet se jkun hemm wara l-25 ta' Mejju 2018*

Mejju 2018

Ir-rivelazzjonijiet ta' Facebook / Cambridge Analytica juru li l-UE għamlet l-għażla t-tajba biex tipproponi u twettaq riforma tal-protezzjoni tad-data ambizzjuża permezz tar-Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data (General Data Protection Regulation, GDPR).

Ir-regoli tar-Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data se japplikaw mill-25 ta' Mejju 2018. Huma se jġibu diversi titijib fil-mod ikunu ttrattati każijiet ta' ksur tal-protezzjoni tad-data fil-futur:

## LINGWAĠĠ ĊAR




### ILLUM

Ta' spiss in-negozji jispjegaw il-politiki ta' privatezza tagħhom f'termini twali u kkumplikati

### GĦADA

Il-politiki ta' privatezza se jkollhom ikunu miktuba b'**lingwa ċara u bla kantunieri**

## IL-KUNSENS MINGĦAND L-UTENTI



### ILLUM

Xi drabi n-negozji jassumu li s-silenzju tal-utenti jfisser kunsens għall-ipproċessar tad-data, jew inkella jaħbu t-talba għall-kunsens f'termini u kundizzjonijiet twal u legalistiċi — li ħadd ma jaqra

### GĦADA


L-utenti se jkollhom bżonn jagħtu l-**kunsens affermattiv** qabel ma d-data tagħhom tkun tista' tintuża minn negozju. Is-silenzju mhuwiex kunsens



## AKTAR TRASPARENZA:

ILLUM	GĦADA
<p>L-utenti jistgħu ma jkunux informati meta d-data tagħhom tiġi ttrasferita barra mill-UE</p>	<p>In-negozji se jkollhom <b>jinformaw b'mod ċar</b> lill-utenti <b>dwar transferimenti</b> b'hal dawn</p>
<p>Xi drabi n-negozji jiġbru u jipproċessaw data personali għal skopijiet differenti minn dak li inizjalment kien imħabbar u mingħajr ma jinformaw lill-utenti dwar dan</p>	<p>In-negozji se jkunu jistgħu jiġbru u jipproċessaw data biss għal <b>għan speċifiku ċar</b>. Huma se jkollhom jinformaw lill-utenti dwar l-ipproċessar għal skopijiet ġodda</p>
<p>In-negozji jużaw algoritmi biex jagħmlu deċiżjonijiet dwar l-utenti u jagħmlu dan billi jibbażaw fuq id-data personali tal-utenti (pereż. meta japplikaw għal xi self); ta' spiss l-utenti ma jkunux jafu dwar dan</p>	<p>In-negozji se jkollhom <b>jinformaw</b> lill-utenti <b>jekk id-deċiżjoni hijiex awtomatizzata</b> u jagħtu lill-utenti possibbiltà li jikkontestawha</p>





## DRITTIJET AKTAR B'SAĦĦITHOM

ILLUM	GĦADA
Ta' spiss in-negozji ma jinformawx lill-utenti meta jkun hemm każ ta' ksur tad-data, pereżempju meta d-data tinsteraq	In-negozji se jkollhom <b>jinformaw</b> lill-utenti mingħajr dewmien f'każ ta' ksur ta' data li jagħmel ħsara
Ta' spiss l-utenti ma jkunux jistgħu jieħdu d-data tagħhom min-negozju u jgħadduha lejn servizz ieħor kompetitur	L-utenti se jkunu jistgħu <b>jmexxu d-data</b> tagħhom għal pereżempju fuq pjattaforma oħra tal-midja soċjali
Jista' jkun diffiċli biex l-utenti jiksibu kopja tad-data li n-negozji jżommu dwarhom	L-utenti se jkollhom id-dritt li <b>jaċċessaw</b> u jiksibu kopja tad-data tagħhom, li negozju jkollu fuqhom
Jista' jkun diffiċli għall-utenti li jkollhom id-data tagħhom imħassra	L-utenti se jkollhom will have a clearly defined " <b>id-dritt li jkunu minsijin</b> " (dritt għat-tħassir tad-data) spjegat ċar , b'salvagwardjiċari



## INFURZAR AKTAR B'SAĦĦTU

ILLUM	GĦADA
L-awtoritajiet tal-protezzjoni tad-data għandhom mezz u setgħat limitati biex jikkooperaw	Il- <b>Bord Ewropew tal-Protezzjoni tad-Data</b> li jiġbor fih it-28 awtorità tal-protezzjoni tad-data kollha kemm huma, se jkollu l-poteri li jipprovdi <b>gwida</b> u <b>interpretazzjoni</b> u jadotta <b>deċiżjonijiet li jorbtu</b> f'każ li diversi pajjiżi tal-UE jkunu milquta mill-istess każ
L-awtoritajiet għandhom ftit li xejn, jew l-ebda multi għad-dispożizzjoni tagħhom f'każ li negozju jikser ir-regoli	It-28-awtorità tal-protezzjoni tad-data se jkollhom setgħat armonizzati u se jkunu jistgħu <b>jimponu multi</b> fuq in-negozji li jlaħħqu sa EUR 20 miljun jew 4 % ta' kemm kumpanija ddawwar flus madwar id-dinja

Żur il-gwida online tal-Kummissjoni Ewropea dwar ir-riforma tal-protezzjoni tad-data — disponibbli bil-lingwi kollha tal-UE:

[europa.eu/dataprotection](http://europa.eu/dataprotection)

